# DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL EWROPEW (UE) 2018/509

## tat-22 ta' Marzu 2018

## li taħtar il-Viċi President tal-Bank Ċentrali Ewropew

IL-KUNSILL EWROPEW,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 283(2) tiegħu,

Wara li kkunsidra r-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill tal-20 ta' Frar 2018 dwar il-ħatra tal-Viċi President tal-Bank Ċentrali Ewropew ([1]),

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Parlament Ewropew ([2]),

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kunsill Governattiv tal-Bank Ċentrali Ewropew ([3]),

Billi:

(1) Skont id-Deċiżjoni 2010/223/UE tal-Kunsill Ewropew ([4]), il-mandat tas-Sur Vítor CONSTÂNCIO, Viċi President tal-Bank Ċentrali Ewropew, jiskadi fil-31 ta' Mejju 2018 u għaldaqstant huwa neċessarju li jinħatar Viċi President tal-Bank Ċentrali Ewropew ġdid.

(2) Il-Kunsill Ewropew jixtieq jaħtar lis-Sur Luis DE GUINDOS JURADO li, fil-fehma tiegħu, jissodisfa r-rekwiżiti kollha stipulati fl-Artikolu 283(2) tat-Trattat,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

*Artikolu 1*

Is-Sur Luis DE GUINDOS JURADO huwa b'dan maħtur Viċi President tal-Bank Ċentrali Ewropew għal mandat ta' tmien snin mill-1 ta' Ġunju 2018.

*Artikolu 2*

Din id-Deċiżjoni għandha tiġi ppubblikata f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

*Artikolu 3*

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fid-data tal-adozzjoni tagħha.

Magħmul fi Brussell, it-22 ta' Marzu 2018.

*Għall-Kunsill Ewropew*

*Il-President*

D. TUSK

([1]) ĠU C 67, 22.2.2018, p. 1.
([2]) L-Opinjoni mogħtija fl-14 ta' Marzu 2018 (għadha ma ġietx ippubblikata fil-Ġurnal Uffiċjali).
([3]) L-Opinjoni mogħtija fis-7 ta' Marzu 2018 (għadha ma ġietx ippubblikata fil-Ġurnal Uffiċjali).
([4]) Id-Deċiżjoni 2010/223/UE tal-Kunsill Ewropew tas-26 ta' Marzu 2010 li taħtar il-Viċi President tal-Bank Ċentrali Ewropew (ĠU L 99, 21.4.2010, p. 7).